

**EMENDI 001-034**

mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

**Rapport**

Zuzana Roithová

A7-0256/2012

**Splużivi ċivili**

Proposta għal direttiva (COM(2011)0771) – C7-0423/2011 – 2011/0349(COD))

**Emenda 1****Proposta għal direttiva****Premessa 6***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(6) Il-merkanzija piroteknika teħtieġ miżuri xierqa sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ***tal-konsumaturi*** u s-sikurezza tal-pubbliku. L-oġġetti pirotekniċi huma koperti bid-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi. Din id-Direttiva, għalhekk, ma għandhiex tapplika għall-oġġetti pirotekniċi.

(6) Il-merkanzija piroteknika teħtieġ miżuri xierqa sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ***tal-utenti finali*** u s-sikurezza tal-pubbliku. L-oġġetti pirotekniċi huma koperti bid-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi. Din id-Direttiva, għalhekk, ma għandhiex tapplika għall-oġġetti pirotekniċi.

**Emenda 2****Proposta għal direttiva****Premessa 15a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

***(15a) L-obbligi kollha imposti fuq l-operaturi ekonomiċi b'din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll fil-każ ta' bejgħ minn distanza.***

**Emenda 3**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19a (ġdida)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19a) Meta l-ħruġ ta' dikjarazzjoni unika ta' konformità tal-UE jista' jikkawża problemi speċifiċi minħabba l-kumplessità jew l-ambitu ta' dik id-dikjarazzjoni unika tal-UE, għandu jkun possibbli li dik id-dikjarazzjoni unika tal-UE tinbidel b'dikjarazzjonijiet individwali ta' konformità tal-UE li jkunu rilevanti għall-isplużiv partikolari.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 43**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(43) Huwa neċessarju li jiġu previsti arranġamenti tranżitorji li **jippermettu t-tqegħid** fis-suq **tal-isplużivi**, li diġà tqiegħdu fis-suq skont id-Direttiva 93/15/KEE.

(43) Huwa neċessarju li jiġu previsti arranġamenti tranżitorji li **jagħtu lill-operaturi ekonomiċi perjodu raġonevoli ta' żmien biex iqiegħdu** fis-suq splużivi **għal użu ċivili** li diġà tqiegħdu fis-suq skont id-Direttiva 93/15/KEE. **L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jbigħu stokkijiet ta' splużivi għal użu ċivili li jkunu digħi fil-katina ta' distribuzzjoni fid-data ta' applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali li jittrafon din id-Direttiva.**

**Emenda 5**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) splużivi **u l-munizzjon**, maħsuba għall-użu, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati jew mill-Pulizija;

(a) splużivi, **inkluż il-munizzjon**, maħsuba għall-użu, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati jew mill-Pulizija;

## **Emenda 6**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ba (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) munizzjon, ħlief kif previst fl-Artikoli 12, 13 u 14.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1) "splużivi" tfisser il-materjali u l-merkanzija **hekk** meqjusa fir-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża u li *taqa'* fil-Klassi 1 ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet;

(1) "splużivi" tfisser il-materjali u l-merkanzija meqjusa **bħala splużivi** fir-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża u li *jaqgħu* fil-Klassi 1 ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet;

### *Ġustifikazzjoni*

*Xi wħud mill-prodotti splużivi, bħal fertillzanti jew prodotti kimiċi użati fl-industrija, huma klassifikati fil-Klassi I min-Nazzjonijiet Uniti, iżda dawn mhumieks maħsuba sabiex jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – punt 1a (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) "munizzjon" tfisser projetti u karigi propulsivi, inkluż munizzjon inbjank, użat f'armi tan-nar li jistgħu jingħarru minn persuna, armi tan-nar oħrajn u artilleriji;*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – punt 2**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) "Ir-rakkmandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti" tfisser ir-rakkmandazzjonijiet stipulati mill-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Merkanzija Perikoluża tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ippubblikati fin-Nazzjonijiet Uniti (Ktieb Oranġjo) u kif emendati sad-data li din id-Direttiva tiġi adottata;

*imħassar*

**Emenda 10**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – punt 7**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) "operaturi ekonomiċi" tfisser il-manifattur, ir-rappreżtant awtorizzat, l-importatur, id-distributur u kull persuna naturali jew legali li twettaq il-ħażna, luu, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew il-kummerċ tal-isplużivi;

(7) "operatur ekonomiku" tfisser manifattur, rappreżtant awtorizzat, importatur, distributur jew kull persuna fiżika jew ġuridika li twettaq il-ħażna, luu, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew il-kummerċ tal-isplużivi;

**Emenda 11**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(16) "standard armonizzat" tfisser standards armonizzat kif inhu definit fl-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru [...] [ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni];

(16) "standard armonizzat" tfisser standard kif inhu definit fl-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru [...] [ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni];

**Emenda 12**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-manifatturi għandhom ifasslu dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness II u ***jwettqu l-proċedura*** ta'

1. Il-manifatturi għandhom ifasslu dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness II u ***jqabdu lil xi ħadd biex***

valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 19 *jew iqabdu lil xi ħadd biex jagħmilha fisimhom.*

**Emenda 13**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-manifatturi għandhom jassiguraw li l-isplużivi jkunu akkumpanjati minn struzzjonijiet u informazzjoni ta' sikurezza provduti b'lingwa li tkun tista' tintiehem faċilment mill-utenti finali, skont kif jiġi determinat mill-Istat Membru konċernat.

*iwettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 19.*

*Emenda*

6. Il-manifatturi għandhom jassiguraw li l-isplużivi jkunu akkumpanjati minn struzzjonijiet u informazzjoni ta' sikurezza provduti b'lingwa li tkun tista' tintiehem faċilment mill-utenti finali, skont kif jiġi determinat mill-Istat Membru konċernat.  
*Tali struzzjonijiet u informazzjoni ta' sikurezza kif ukoll kull tip ta' tikkettar għandhom ikunu ċari, jistgħu jinftiehmu u intelliġibbi.*

**Emenda 14**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 9 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispluživ li tqiegħed fis-suq legalment qabel [id-data stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 50(1)] jista' jsir disponibbli fis-suq mid-distributuri mingħajr aktar rekwiżiti għall-prodott.*

**Emenda 15**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 10a*  
*Obbligi tal-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-prodotti fl-istokk*  
*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi fir-*

*rigward tal-prodotti fl-istokk jiġu applikati skont l-Artikolu 49.*

**Emenda 16**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-operaturi ekonomiċi jkollhom sistema sabiex *jagħtu kont tal-isplużivi b'dak il-mod* li dawk li jkollhom xi splużivi jkunu jistgħu jiġi **identifikati** f'kull żmien.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-operaturi ekonomiċi jkollhom sistema sabiex *jintraċċaw l-isplużivi b'tali mod* li dawk li jkollhom xi splużivi jkunu jistgħu jiġi **indikati** f'kull żmien.

**Emenda 17**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 15 – paragrafu 4**

*Test propos mill-Kummissjoni*

Id-dokumenti msemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafi għandhom jinżammu għall-anqas għal 10 snin wara t-tmien tas-sena kalendarja li fiha twettqet it-transazzjoni rrekordjata, ukoll jekk l-operatur ekonomiku ma jkunx għadu jopera . Għandhom ikunu minnufih disponibbli għall-ispezzjoni fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti.

*Emenda*

Id-dokumenti msemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafi għandhom jinżammu għall-anqas għal 10 snin wara t-tmien tas-sena kalendarja li fiha twettqet it-transazzjoni rrekordjata, ukoll jekk l-operatur ekonomiku ma jkunx għadu jopera . Għandhom ikunu minnufih disponibbli għall-ispezzjoni fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti. *L-operaturi ekonomiċi m'għandhom jinhieg jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu wara li l-forniment ikun iffinalizzat.*

**Emenda 18**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. Id-dikjarazzjoni tal-UE ta' konformità għandu jkollha l-istruttura mudell stabbilita fl-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, għandha tinkludi l-elementi speċifikati fil-moduli rilevanti

*Emenda*

2. Id-dikjarazzjoni tal-UE ta' konformità għandu jkollha l-istruttura mudell stabbilita fl-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, għandha tinkludi l-elementi speċifikati fil-moduli rilevanti

stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u għandha tinżamm aġġornata kontinwament. **Għandha wkoll** tīgi tradotta fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru fejn jitqiegħed fis-suq jew jiġi magħmul disponibbli l-ispluživ.

stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u għandha tinżamm aġġornata kontinwament. **Fuq talba tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, l-operatur ekonomiku għandu jipprovdi kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE f'forma stampata jew b'mezz elettroniku, u għandu jiżgura li** tīgi tradotta fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru fejn jitqiegħed fis-suq jew jiġi magħmul disponibbli l-ispluživ.

**Emenda 19**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 20 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta jagħmel id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-ispluživ.

*Emenda*

4. Meta jagħmel id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-ispluživ **mar-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva.**

**Emenda 20**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità notifikanti li tkun responsabbi biex tistabbilixxi u twettaq il-proċeduri meħtieġa għall-valutazzjoni u n-notifika ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u għall-monitoraġġ ta' korpi notifikati, inkluża l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità notifikanti **unika** li tkun responsabbi biex tistabbilixxi u twettaq il-proċeduri meħtieġa għall-valutazzjoni u n-notifika ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u għall-monitoraġġ ta' korpi notifikati, inkluża l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29.

**Emenda 21**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri kollha adegwati sabiex jiżguraw li l-isplużivi jitqiegħdu fis-suq biss jekk jinħażnu kif suppost u jintużaw għall-iskop maħsub tagħhom.*

*Gustifikkazzjoni*

*Dan l-allinjament mad-dispożizzjonijiet il-ġodda tad-direttiva dwar ogħetti pirotekniċi huwa aktar meħtieġ minħabba li l-prodotti koperti b'din id-Direttiva huma iktar perikolużi.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 40 – paragrafu 1a (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri, fuq bażi annwali, għandhom jagħtu lill-Kummissjoni dettalji tal-attivitàajiet tal-awtoritatjiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom u ta' kwalunkwe pjan għas-sorveljanza tas-suq jew ta' żieda fis-sorveljanza tas-suq, inklużi l-allokazzjoni ta' aktar riżorsi, iż-żieda fl-effiċjenza u l-bini tal-kapaċità meħtieġa biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.*

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 40 – paragrafu 1b (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri għandhom jipprovdu finanzjament xieraq lill-awtoritatjiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom sabiex jiżguraw li l-attivitàajiet tagħhom ikunu koerenti u effettivi fl-Unjoni kollha.*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 41 – paragrafu 1**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

1. Fejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jkunu ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jew fejn ikollhom raġuni bizzżejjed biex jemmnu li spluživ jippreżenta riskju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni jew għas-sigurtà pubblika, huma għandhom iwettqu valutazzjoni fir-rigward tal-ispluživ konċernat, li tkopri r-rekwiżiti kollha stipulati f'din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif xieraq mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

*Emenda*

1. Fejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jkunu ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jew fejn ikollhom raġuni bizzżejjed biex jemmnu li spluživ jippreżenta riskju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni jew għas-sigurtà pubblika, huma għandhom iwettqu valutazzjoni fir-rigward tal-ispluživ konċernat, li tkopri r-rekwiżiti *rilevanti* kollha stipulati f'din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif xieraq mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 41 – paragrafu 6 – punt a**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(a) in-nuqqas tal-prodott li jissodisfa r-rekwiżiti relatati mas-saħħa jew is-sikurezza ta' persuni jew ma' aspetti oħra ta' protezzjoni tal-interess pubbliku stabbiliti f'din id-Direttiva;

*Emenda*

(a) in-nuqqas tal-prodott li jissodisfa r-rekwiżiti relatati mas-saħħa jew is-sikurezza ta' persuni jew ma' aspetti oħra ta' protezzjoni tal-interess pubbliku stabbiliti f'din id-Direttiva; **jew**

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 41 – paragrafu 9**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

9. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li jittieħdu l-miżuri restrittivi adegwati fir-rigward tal-ispluživ konċernat mingħajr dewmien.

*Emenda*

9. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li jittieħdu l-miżuri restrittivi adegwati fir-rigward tal-prodott konċernat, **bħall-irtirar tal-ispluživ mis-suq tagħhom**, mingħajr dewmien.

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 42 – paragrafu 3**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

3. Fejn il-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-prodott ikun attribwit għal nuqqasijiet fl-istandardi armonizzati msemmija **fl-Artikolu 18** ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 ta' (UE) Nru [...] [ir-Regolament tal-Istandardizzazzjoni].

*Emenda*

3. Fejn il-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-prodott ikun attribwit għal nuqqasijiet fl-istandardi armonizzati msemmija **fl-Artikolu 41(6)(b)** ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 ta' (UE) Nru [...] [ir-Regolament tal-Istandardizzazzjoni].

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 48 – paragrafu 1**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom *jistipulaw pieni* applikabbi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċċesarji kollha biex jiżguraw li dawn jiġu infurzati. ***Il-penalitajiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporżjonati u disswasivi.***

*Emenda*

***L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tas-sistema li tirregola l-markatura CE u għandhom jieħdu azzjoni xierqa f'każ ta' użu mhux korrett tal-markatura.*** L-Istati Membri għandhom jistabbilixx regoli dwar il-pieni applikabbi għall-ksur ***mill-operaturi ekonomiċċi*** tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċċesarji kollha biex jiżguraw li dawn jiġu infurzati. ***Tali regoli jistgħu jinkludu pieni kriminali għal ksur serju.***

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 48 – paragrafu 1a (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-pieni msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom ikunu effettivi, proporżjonati għal kemm ikun serju r-reat, u dissważivi.***

**Emenda 30**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 48 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu b'dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa [daħħal id-data speċifikata fl-Artikolu 50(1)] *l-aktar tard* u għandhom jgħarrfuha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu b'dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa [daħħal id-data speċifikata fl-Artikolu 50(1)] u għandhom jgħarrfuha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom. **II-**  
**Kummissjoni għandha tqiegħed dawk id-dispożizzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku billi tippubblīkahom fl-internet.**

**Emenda 31**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 50 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jikkunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jikkunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. **II-Kummissjoni għandha tqiegħed dawk it-testi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku billi tippubblīkahom fl-internet.**

**Emenda 32**  
**Proposta għal direttiva**  
**Anness I – parti II – punt 1 – punt j**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(j) l-ikkargar korrett u l-iffunzjonar tal-ispluživ meta jintuża għall-iskop maħsub tiegħu;

*Emenda*

(j) l-ikkargar korrett u l-iffunzjonar tal-ispluživ meta jintuża għall-iskop maħsub tiegħu *jew għal skop li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli*;

**Emenda 33**  
**Proposta għal direttiva**  
**Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.4 – punt a**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(a) dawn il-materjali ma għandhomx jiddetonaw meta użati għall-iskop maħsub tagħhom;

*Emenda*

(a) dawn il-materjali ma għandhomx jiddetonaw meta użati għall-iskop maħsub tagħhom **jew għal skop li jiġi previst b'mod raġonevoli;**

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**

**Anness II – punt 3 – paragrafu 1**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

Korp notifikat magħżul mill-manifattur, għandu jagħmel kontrolli tal-prodott, jew jara li dawn isiru f'intervalli mhux regolari li jkunu ddeterminati mill-korp, biex tiġi vverifikata l-kwalitā tal-kontrolli interni tal-ispluživ, fejn jitqiesu, inter alia, il-kumplessità teknoloġika tal-isplużivi u l-kwantità tal-produzzjoni. Qabel ma l-prodotti jitqiegħdu fis-suq, għandu jiġi eżaminat kampjun adegwat tal-prodotti finali, meħud fil-post mill-korp notifikat, u għandhom isiru testijiet adegwati, kif ġie identifikat mill-partijiet rilevanti tal-istandardi armonizzati u/jew spċifikazzjonijiet tekniċi, jew għandhom isiru testijiet ekwivalenti, biex tiġi kontrollata l-konformità tal-ispluživ mat-tip deskrirt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip *UE* u mar-rekwiżiti rilevanti ta' din id-Direttiva. Fejn kampjun ma jikkonformax mal-livell ta' kwalitā aċċettabbli, il-korp għandu jieħu miżuri adegwati.

*Emenda*

**Korp akkreditat intern jew** korp notifikat magħżul mill-manifattur, għandu jagħmel kontrolli tal-prodott, jew jara li dawn isiru f'intervalli mhux regolari li jkunu ddeterminati mill-korp, biex tiġi vverifikata l-kwalitā tal-kontrolli interni tal-ispluživ, fejn jitqiesu, inter alia, il-kumplessità teknoloġika tal-isplużivi u l-kwantità tal-produzzjoni. Qabel ma l-prodotti jitqiegħdu fis-suq, għandu jiġi eżaminat kampjun adegwat tal-prodotti finali, meħud fil-post mill-korp notifikat, u għandhom isiru testijiet adegwati, kif ġie identifikat mill-partijiet rilevanti tal-istandardi armonizzati u/jew spċifikazzjonijiet tekniċi, jew għandhom isiru testijiet ekwivalenti, biex tiġi kontrollata l-konformità tal-ispluživ mat-tip deskrirt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip *tal-UE* u mar-rekwiżiti rilevanti ta' din id-Direttiva. Fejn kampjun ma jikkonformax mal-livell ta' kwalitā aċċettabbli, il-korp għandu jieħu miżuri adegwati.